MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2005

Numru 407/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**ANTOINE SCIBERRAS**

**Illum 18 ta' Mejju, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Antoine Sciberras ta' 25 sena, bin Walter u l-mejta Maria Dolores nee' Barbara, imwieled il-Pieta' fil-11 t'Ottubru, 1979 li joqghod fil-fond imsejjah: 'Barbara house', Triq il-Kbira,

Haz-Zabbar u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru: 0489079(M).

A) talli nhar it-3 ta’ Mejju, 2005, ghal habta ta’ 7.10 ta’ filghaxija, gewwa Rahal Gdid, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe’ dak ta’ serq minn vettura ta’ l-ghamla Fiat, mudell Punto, ta’ lewn dehbi u bin-numru tar-registrazzjoni: TFH-527, li kienet ipparkeggata fi Triq San Guzepp, Rahal Gdid, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, u li kieku sehh dan id-delitt kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bix-xorta ta’ haga misruqa u bil-valur, li ma jiskorrhiex l-elf lira Maltin ghan-dannu ta’ Melanie Abela minn Rahal Gdid.

B) U aktar akkuzat talli fl-istess data, hin u lok ikkawza hsarat volontarji fuq il-vettura ta’ l-ghamla Fiat, mudell Punto, ta’ lewn dehbi u bin-numru tar-registrazzjoni: TFH-527, li kienet ipparkeggata fi Triq San Guzepp, Rahal Gdid, liema hsara teccedi l-Lm50 izda mhux izjed minn Lm500, ghad-detriment ta’ Melanie Abela minn Rahal Gdid u dana bi ksur ta’ l-art. 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

C) Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fl-inhawi ta’ Rahal Gdid, ma obdiex l-ordnijiet Legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallhiex jew fixkel waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-Ligi, tapplika ukoll l-art. 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok BJP1 u nnutat li l-imputat m’ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-imputat iddikjara li qed jiskuza ruhu dwar l-akkadut mal-parte civile Melanie Abela presenti fl-Awla u inoltre iddikjara li qed jobbliga ruhu li fi zmien xahrejn millum ihallas is-somma ta’ Lm55 lill-parte civile Melanie Abela.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum il-parte civile Melanie Abela iddikjarat li qeghda taccetta din il-modalita’ tal-hlas suggerita mill-imputat.

Inoltre innutat li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jesmond Borg iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b), (c) u (g), 263, 267, 271, 278(3), 279(a), 280(2), 281(a), 325(1)(b) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Antoine Sciberras, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-imputat iddikjara li qed jiskuza ruhu dwar l-akkadut mal-parte civile Melanie Abela presenti fl-Awla u inoltre iddikjara li qed jobbliga ruhu li fi zmien xahrejn millum ihallas is-somma ta’ Lm55 lill-parte civile Melanie Abela, l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum il-parte civile iddikjarat li qeghda taccetta din il-modalita’ tal-hlas suggerita mill-imputat u l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jesmond

Borg iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Antoine Sciberras ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija u hmistax il-Liri Maltin (Lm15) ammenda u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Antoine Sciberras jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Antoine Sciberras b’obbligazzjoni personali ta’ Lm100 li bl-ebda mod ma’ jimmolesta lil Melanie Abela ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Antoine Sciberras l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------